# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 9 ta' Jannar 2025**

**Numru 8**

**Rikors Numru 944/2024TA**

**Av. Malcolm Mifsud a nom u in rappreżentanza ta' Bahad Khalid Ahmed Al Far residenti Dubai**
**vs**
**Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited (C89175)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited (is-soċjeta' rikorrenti) tat-28 ta' Awwissu 2024.

Rat ir-risposta tal-Avukat Malcolm Mifsud għan-nom ta' Bahad Khalid Ahmed Al Far (l-intimat) tad-9 ta' Settembru 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha fil-proċedura.

Rat li dan ir-rikors huwa miexi ma' rikors ieħor bin-numru 386/2024TA fl-ismijiet premessi.

Rat li r-rikors tħalla' għal-lum għal deċiżjoni.

**Konsiderazzjonijiet**

Ir-rikors tallum huwa wieħed li sar abbażi fost oħrajn tal-artikoli 836(1)(b) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan huwa rikors għar-revoka tas-Sekwestru li l-intimat ottjena in kawtela tal-pretensjonijiet minnu avvanzati fir-rikors l-ieħor fuq imsemmi.

Dak ir-rikors ġie deċiż illum stess u dan billi t-talbiet f'dak ir-rikors huma miċħuda għar-raġunijiet mogħtija fid-deċiżjoni tal-Qorti. Għalhekk huwa l-każ, li l-mandat ta' sekwestru mertu ta' dan ir-rikors m'għandux jibqa' fis-seħħ peress li fid-dawl tas-Sentenza mogħtija llum stess m'huwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

Kwantu t-talba għall-ħlas ta' penali din il-Qorti ma tħossx li huwa l-każ li għandha timponihom.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti abbazi tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna għalhekk il-ħruġ tal-kontromandat opportun u tiċħad it-talbiet inkwantu qed jintalbu l-penali fil-konfront tal-intimat.

Spejjes għall-intimat.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**